Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16067/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0351 (NLE)

AELE 102
CH 33
MI 1230

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 611 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi Programmi tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 611 annex.

Mehmuż: COM(2026) 611 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2026
COM(2026) 611 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi Programmi tal-Unjoni

DOKUMENT MEHMUŻ

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI _/____ TAL-KUMITAT KONĠUNT

ta' […]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu;

(2) Skont l-Artikolu 16(8), il-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma adottati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt

Il-kopresidenti

[…]

Anness

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

Regola 1

Kompiti u dmirijiet

Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-kompiti u d-dmirijiet imsemmija fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda (minn hawn 'il quddiem "l-Unjoni"), u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "l-Iżvizzera"), minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien "il-Partijiet", dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programmi tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), b'mod partikolari fl-Artikoli 3(2) u 16.

Regola 2

President

(1) L-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom jinnotifikaw lil xulxin bl-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal li jkun kopresident tal-Kumitat Konġunt għall-Unjoni u għall-Iżvizzera, rispettivament. Dan l-uffiċjal jitqies li jkompli jaġixxi bħala kopresident għall-Unjoni u għall-Iżvizzera, rispettivament, sad-data li fiha l-Unjoni jew l-Iżvizzera jkunu nnotifikaw lill-Parti l-oħra b'kopresident ġdid.

(2) Il-kopresident jitqies li jkollu l-awtorizzazzjoni li jirrappreżenta, rispettivament, lill-Unjoni jew lill-Iżvizzera sad-data li fiha kopresident ġdid ikun innotifika lill-Parti l-oħra.

Regola 3

Segretarjat

(1) Is-segretarjat tal-Kumitat Konġunt (is-"segretarjat") għandu jkun magħmul minn uffiċjal tal-Unjoni u uffiċjal tal-Iżvizzera ("is-segretarji").

(2) L-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom jinnotifikaw lil xulxin bl-ismijiet, il-pożizzjonijiet u d-dettalji ta' kuntatt tas-segretarji rispettivi tagħhom. Huma għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-bidliet tas-segretarji rispettivi tagħhom.

(3) Is-segretarjat għandu jkun responsabbli minn, fost l-oħrajn:

(a) l-assistenza għall-kopresidenti;

(b) il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ Partijiet;

(c) it-tħejjija tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, minuti u komunikazzjoni uffiċjali u dokumenti oħra għall-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt;

(d) l-iżgurar li dawn id-dokumenti jiġu rreġistrati u ppreżentati b'mod korrett, f'konformità mar-regoli applikabbli rispettivi tal-Unjoni u tal-Iżvizzera;

(e) […].

(4) F'sena speċifika, il-kopresident tan-naħa li tospita l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt f'dik is-sena għandu ("kopresident ospitanti"), bl-għajnuna tas-segretarju korrispondenti ("segretarju ospitanti"), jieħu t-tmexxija fis-sorveljanza tal-proċedimenti tal-Kumitat Konġunt matul dik is-sena.

Regola 4

Laqgħat

(1) F'konformità mal-Artikolu 16(7) tal-Ftehim, il-kopresidenti għandu jkollhom l-għan li jaqblu dwar id-data, il-post u l-format tal-laqgħat mill-inqas 3 xhur qabel il-laqgħa, sakemm ma jaqblux dwar perjodu ta' żmien iqsar.

(2) Qabel kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt, il-kopresidenti għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tagħhom fil-laqgħa.

(3) Sakemm ma jiġix maqbul mod ieħor mill-kopresidenti, il-laqgħat ma għandhomx ikunu pubbliċi.

(4) Jekk ikun hemm qbil bejn il-kopresidenti, il-Kumitat Konġunt jista' jistieden esperti jew partijiet interessati oħrajn ħalli jattendu għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett speċifiku u għall-partijiet tal-laqgħa biss li fihom jiġu diskussi tali suġġetti speċifiċi.

Regola 5

Aġenda

(1) Il-kopresidenti għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt l-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

(2) Is-segretarju ospitanti għandu jippreżenta l-ewwel abbozz tal-aġenda għall-kummenti lis-segretarju l-ieħor mill-inqas xahar qabel id-data tal-laqgħa. Il-kopresidenti għandhom jimmiraw li jaqblu dwar l-abbozz tal-aġenda mill-inqas 5 ijiem tax-xogħol qabel kull laqgħa.

(3) L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt fil-bidu ta' kull laqgħa. Il-punti jistgħu jiġu inklużi, imħassra, differiti jew emendati jekk il-kopresidenti jaqblu li jsir hekk.

(4) Il-kopresidenti jistgħu jaqblu li jqassru l-limiti taż-żmien imsemmijin fil-paragrafu 2 biex jitqiesu r-rekwiżiti jew l-urġenza ta' xi kwistjoni partikolari.

Regola 6

Skambju u trattament ta' informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata

(1) L-informazzjoni jew il-materjal klassifikati pprovduti mill-Partijiet Kontraenti fil-Kumitat Konġunt jew li jiġu skambjati bejniethom għandhom jiġu ttrattati u protetti f'konformità mal-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, magħmul fi Brussell fit-28 ta' April 2008 u kwalunkwe arranġament ta' sigurtà li jimplimentah.

(2) Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, permezz ta' deċiżjoni, struzzjonijiet dwar it-trattament u l-ħżin biex jiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata skambjata bejn il-Partijiet.

Regola 7

Segretezza professjonali

Rappreżentanti, esperti u aġenti oħra tal-Partijiet ma jistgħux, anke wara li jkunu temmew id-doveri tagħhom, jiżvelaw tagħrif miksub fil-Kumitat Konġunt li huwa tat-tip kopert mill-obbligazzjoni ta' segretezza professjonali.

Regola 8

Minuta

(1) Il-minuti ta' kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandhom jitfasslu fil-ħin wara kull laqgħa. Huma għandhom jindikaw il-punti diskussi u kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula u deċiżjonijiet adottati.

(2) Is-segretarju li jospita għandu jibgħat l-ewwel abbozz ta' dawk il-minuti għal kummenti lis-segretarju l-ieħor.

(3) Il-minuti għandhom jinkludu lista tal-attendenza bl-ismijiet, it-titoli u l-kapaċità tal-parteċipanti kollha tal-laqgħa.

(4) Il-minuti finali għandhom jiġu approvati mill-Kumitat Konġunt permezz ta' proċedura bil-miktub jew, l-aktar tard, fil-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat Konġunt. Dawn għandhom jiġu ffirmati f'żewġ kopji mill-kopresidenti. Il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar permezz ta' firma elettronika u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

Regola 9

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

(1) Is-segretarjat għandu jħejji l-abbozzi ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt.

(2) Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament, u għandhom ikunu segwiti b'numru tas-serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.

(3) Dawn jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub jew f'laqgħa tal-Kumitat Konġunt. Dawn għandhom jiġu ffirmati f'żewġ kopji mill-kopresidenti u mis-segretarji tal-Kumitat Konġunt. Il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar permezz ta' firma elettronika u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

(4) Kull naħa għandha tippreżenta kopja oriġinali waħda tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

(5) Kull Parti hija responsabbli biex, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħha, tippubblika d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha u/jew online.

Regola 10

Kooperazzjoni mal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar is-Saħħa (il-"Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa")

(1) Is-segretarjat se jistabbilixxi punt ta' kuntatt mas-segretarjat tal-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa.

(2) Is-segretarjat se jaqsam l-informazzjoni li jirċievi mingħand il-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa mal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar is-saħħa").

(3) Meta kwistjonijiet relatati ma' programm għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa jiġu inklużi fl-abbozz ta' aġenda, is-segretarju ospitanti jinforma lill-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa u jaqsam id-dokumenti rilevanti qabel il-laqgħa rilevanti malajr kemm jista' jkun.

(4) Meta l-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa jipprovdi informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) tal-Ftehim dwar is-Saħħa, il-Kumitat Konġunt se jinkludi punt f'dan ir-rigward fl-aġenda tal-laqgħa li jkun imiss.

(5) Meta d-deċiżjonijiet jikkonċernaw il-protokoll(i) li jkopri/u l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programm għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa, il-Kumitat Konġunt se jikkonsulta lill-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa fil-ħin.

(6) Meta l-minuti jkunu relatati ma' programm għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa, is-segretarju ospitanti jaqsam il-minuti mal-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa malajr kemm jista' jkun.

Regola 11

Protezzjoni ta' data personali

Il-pubblikazzjoni u t-trattament tad-dokumenti msemmija fir-Regoli 5, 8, 9 u 10 għandha ssir f'konformità mar-regoli applikabbli taż-żewġ Partijiet dwar il-protezzjoni tad-data, inkluż il-protezzjoni tad-data personali.

Regola 12

Aċċess għad-dokumenti u trasparenza

Kull Parti għandha tittratta t-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħha u bil-kunsens tal-Parti l-oħra.

Regola 13

Gruppi ta' ħidma/korpi konsultattivi

(1) Meta jistabbilixxi grupp ta' ħidma jew korp konsultattiv biex jassistih fil-qadi ta' dmirijietu f'konformità mal-Artikolu 16(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta termini ta' referenza li, fost l-oħrajn, jispeċifikaw id-durata ta' dan il-grupp

ta’ ħidma jew korp konsultattiv, li għandu jehmeż mad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-grupp ta’ ħidma jew il-korp konsultattiv.

(2) Il-grupp ta’ ħidma jew il-korp konsultattiv għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Iżvizzera u għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt, li lilu għandu jirrapporta.

(3) Il-Kumitat Konġunt jista’ jiddeċiedi f’kull ħin li jtemm il-mandat tal-gruppi ta’ ħidma jew tal-korpi konsultattivi jew li jimmodifika t-termini ta’ referenza tal-gruppi ta’ ħidma jew tal-korpi konsultattivi eżistenti.

Regola 14

Spejjeż

Kull Parti għandha tħallas kwalunkwe spiża li ġġarrab marbuta mal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta’ ħidma jew tal-korpi konsultattivi.

Regola 15

Emenda

Dawn ir-Regoli ta’ Proċedura jistgħu jiġu emendati b’deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt f’konformità mar-Regola 9.